32001R1961

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1961/2001

tat-8 ta' Ottubru 2001

li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2200/96 rigward ir-rifondi ta' l-esportazzjoni tal-frott u tal-ħxejjex

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħxejjex ([1]), kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 911/2001 ([2]), u partikolarment l-Artikolu 35(8) u (11) tiegħu,

Billi:

(1) Aspetti varji tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2190/96 ta' l-14 ta' Novembru 1996 dwar ir-regoli dettaljati għal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 f'dak li jirrigwardja r-rifondi fuq l-esportazzjoni tal-frott u l-ħxejjex ([3]), kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 298/2000 ([4]), għandhom ikunu emendati sabiex titjieb is-sistema ta' rifondi fuq l-esportazzjonijiet fuq il-frott u l-ħxejjex. Fl-interess tal-kjarezza u r-razzjonalità, għalhekk, it-test għandu jkun magħmul mill-ġdid u r-Regolament (KE) Nru 2190/96 għandu jkun imħassar.

(2) L-Artikolu 35(6) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 jeħtieġ il-preżentazzjoni ta' liċenzja ta' l-esportazzjoni għall-għotja ta' xi rifondi.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1291/2000 ([5]) jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għal applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji għall-importazzjoni u l-esportazzjoni u taċ-ċertifikati ta' stabilizzar bil-quddiem għall-prodotti ta' l-agrikoltura.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 ([6]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1502/2001 ([7]), li jistabbilixxi nomenklatura tal-prodotti agrikoli għall-rifondi fuq l-esportazzjoni.

(5) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 ([8]), kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 90/2001 ([9]), li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifondi għall-esportazzjonijiet ta' prodotti agrikoli. Dawn ir-regoli dettaljati għandhom jkunu msaħħa b'regoli speċifiċi dwar il-frott u l-ħxejjex.

(6) Permezz ta' l-Artikolu 35(1) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96, ir-rifondi għandhom ikunu stabbiliti b'qies xieraq għal limiti li jirriżultaw minn ftehim konkluż bi qbil ma' l-Artikolu 300 tat-Trattat.

(7) Il-Kummissjoni teħtieġ li tiffissa r-rati tar-rifondi u l-kwantitajiet massimi eleġibbli għar-rifondi. Dawk l-ammonti u l-kwantitajiet għandhom ikunu ffissati għal kull applikazzjoni tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni. Dawn jistgħu jiġu reveduti fid-dawl taċ-ċirkostanzi ekonomiċi.

(8) Sabiex il-kwantitajiet ta' l-esportazzjoni jkunu amministrati preċiżament, għandu jkun hemm żmien ta' riflessjoni qabel ma jinħarġu l-liċenzji.

(9) L-Istati Membri għandhom jinnominaw il-korpi responsabbli għall-ħruġ tal-liċenzji.

(10) Sabiex ikun assigurat li l-arranġamenti jkunu applikati kif xieraq, varjetà ta' sistemi għandhom jeżistu għall-għotja ta' rifondi u dawn għandhom jinkludu stediniet għall-offerti.

(11) Il-liċenzji b'ifissar bil-quddiem tar-rifondi għandhom ikunu maħruġa suġġetti għal preżentazzjoni ta' garanzjia.

(12) Sabiex jassiguraw li l-arranġamenti jiffunzjonaw tajjeb u ma jġiegħlux spekulazzjoni, il-liċenzji ma għandhomx ikunu trasferibbli.

(13) L-Artikolu 35(4) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 jipprovdi, *inter alia*, għal rifondi sabiex ikunu ffissati bi qbil ma' l-aspetti ekonomiċi għall-esportazzjoni proposta. Għal dak il-għan, disposizzjoni għandha ssir għal sistema li biha r-rifondi jkunu mogħtija permezz ta' stedina għall-offerti. Qabel jinħarġu dawk il-liċenzji, il-Kummissjoni għandha tistaqsi lil dawk li jippreżentaw l-offerti biex jindikaw ir-rata tar-rifondi li jixtiequ jużaw għall-esportazzjoni. Il-Kummissjoni tista' tuża din l-informazzjoni biex tasal għal deċiżjoni infurmata dwar ir-rati ta' rifondi li jkunu ekonomikament vijabbli. F'ċerti każijiet, partikolarment meta r-rati offruti jkunu għoljin wisq, ir-rata massima għandha tkun stabbilita bi qbil mal-proċedura elenkata fl-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96. Il-Kummissjoni trid titħalla, fejn hu neċessarju, li tiċħad l-offerti kollha ppreżentati permezz ta' l-istedina għall-offerti.

([1]) ĠU L 297, tal-21.11.1996, pġ. 1.
([2]) ĠU L 129, tal-11.5.2001, pġ. 3.
([3]) ĠU L 292, tal-15.11.1996, pġ. 12.
([4]) ĠU L 34, tad-9.2.2000, pġ. 16.
([5]) ĠU L 152, ta' l-24.6.2000, pġ. 1.
([6]) ĠU L 366, ta' l-24.12.1987, pġ. 1.
([7]) ĠU L 199, ta' l-24.7.2001, pġ. 13.
([8]) ĠU L 102, tas-17.4.1999, pġ. 11.
([9]) ĠU L 14, tat-18.1.2001, pġ. 22.

(14) Id-data tal-ħruġ tal-liċenzji għandha tkun definita b'referenza għar-Regolament (KE) Nru 1291/2000.

(15) Sabiex iżżomm il-flessibbiltà li hija karatterisitka ta' l-esportazzjoni ta' prodotti li jinqerdu bħalma huma l-frott u l-ħxejjex, ċerti transazzjonijiet għandhom ikunu eleġibbli għal rifondi mingħajr stabbilizzar bil-quddiem basta li dik l-applikazzjoni għal-liċenzja tkun ġiet ippreżentata *a posteriori*.

(16) Sabiex ikun hemm prevenzjoni ta' eċċessività sinifikanti ta' kwantitajiet indikattivi fil-każ ta' liċenzji mingħajr stabbilizzar bil-quddiem tar-rifondi, il-Kummissjoni trid tkun tista' tiċħad applikazzjonijiet tal-liċenzji li għandhom x'jaqsmu ma' data ta' l-esportazzjoni aktar tard min dik id-data mogħtija.

(17) Id-destinazzjoni jew grupp ta' destinazzjonijiet għandhom isiru obbligatorji.

(18) L-Istati Membri għandhom jgħaddu regolarment lejn il-Kummissjoni ċerta informazzjoni dwar l-applikazzjonijiet għal-liċenzji permezz tal-posta elettronika;

(19) Għandhom jittieħdu passi sabiex jassiguraw li l-prodotti esportati li għalihom jingħataw ir-rifondi jkunu jilħqu n-normi komuni relevanti tal-kummerċ u xi regoli nazzjonali dwar il-kwalità tal-frott u l-ħxejjex li jiġu esportati lejn pajjiżi terzi. Din il-ħtieġa għandha tapplika mingħajr eċċezzjoni għall-provvisti kollha lejn vapuri u ajruplani li jkunu trattati bħala esportazzjoni mill-Komunità. Għaldaqstant, id-derogi li hemm provvediment dwarhom fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6(5) tar-Regolament (KE) Nru 2190/96 ma għandhomx ikunu nkorporati f'dan ir-Regolament.

(20) Il-kwantità esportata li tagħti d-dritt għal rifondi ma tistax teċċedi l-kwantità li għaliha tkun inħarġet il-liċenzja.

(21) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Amministrattiv tal-Frott u l-Ħxejjex,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-arranġamenti għal għotja tar-rifondi

1. Ir-rifondi ta' l-esportazzjonijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 għandhom jingħataw fuq il-bażi ta' liċenzji ta' l-esportazzjonijet li jistgħu jinħarġu taħt erba' sistemi:

(a) is-sistema normali bi stabbilizzar bil-quddiem tar-rifondi, minn hawn 'il quddiem imsejħa "is-sistema A1";

(b) is-sistema speċjali bi stabbilizzar bil-quddiem tar-rifondi, minn hawn 'il quddiem imsejħa "is-sistema A2";

(ċ) L-istediniet għal offerti bi stabilizzar bil-quddiem tar-rifondi, minn hawn 'il quddiem imsejha "is-sistema A3";

(d) is-sistema mingħajr stabilizzar bil-quddiem tar-rifondi, minn hawn 'il quddiem imsejħa "is-sistema B";

Il-liċenzji ma għandhomx ikunu trasferibbli.

2. Ir-rati tar-rifondi għas-sistemi A1 u A2 għandhom ikunu stabbiliti mill-Kummissjoni bi qbil mal-proċedura elenkata fl-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96, kif ukoll il-kwantitajiet li dwarhom jistgħu jinħarġu l-liċenzji u t-termini ta' validità ta' dawk il-liċenzji. B'danakollu, ir-rati u l-kwantitajiet stabbiliti fil-każ tas-sistema A2 għandhom ikunu purament indikattivi.

Ir-rati u l-kwantitajiet għandhom ikunu stabbiliti għal kull perjodu ta' l-applikazzjoni tal-liċenzji.

3. Għas-sistema A3 il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjonijiet dwar il-ħruġ ta' l-istediniet għall-offerti bi qbil mal-proċeduri elenkati fl-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 u dwar ir-rati indikattivi u l-kwantitajiet indikattivi li dwarhom jistgħu jinħarġu l-liċenzji, il-limitu taż-żmien għal preżentazzjoni ta' l-offerti u t-termini tal-validità tal-liċenzji.

4. Fil-każ tas-sistema B, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-kwantitajiet indikattivi u r-rati tar-rifondi bi qbil mal-proċedura elenkata fl-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96.

Ir-rati u l-kwantitajiet għandhom ikunu stabbiliti għal kull perjodu ta' l-esportazzjoni.

5. Ir-rati li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 2 u 4, il-kwantitajiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 2, 3 u 4 u t-termini tal-validità tal-liċenzji li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 2 u 3 jistgħu, f'ċirkostanzi eċċezzjonali, ikunu aġġustati mill-Kummissjoni fid-dawl tal-produzzjoni tal-Komunità u l-prospetti għall-esportazzjoni.

Artikolu 2

Disposizzjonijiet speċjali għas-sistema A1

1. L-esportaturi għandhom japplikaw għand l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għal-liċenzja permezz tas-sistema A1 sabiex jakkwistaw ir-rifondi bir-rata applikabbli fid-data ta' l-applikazzjoni għal-liċenzja.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, bi qbil ma' l-Artikolu 7(3), bil-kwantitajiet li dwarhom l-applikazzjonijiet tal-liċenzji jkunu ġew ippreżentati, maqsuma skond il-jum tal-preżentazzjoni ta' l-applikazzjoni, eskluži xi kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet li jkunu miċħuda permess ta' l-Artikolu 5(4).

3. Il-Kummissjoni għandha tivverifika, għal kull ġurnata sussegwenti tal-preżentazzjonijiet ta' l-applikazzjoni, jekk il-kwantitajiet totali li dwarhom tkun saret applikazzjoni għal kull kategorija ta' prodott jeċċedux il-kwantità li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 1(2):

— imnaqqsa minnha l-kwantitajiet li dwarhom ikunu nħarġu l-liċenzji A1 jew li jkunu fil-proċess li jinħarġu f'dak il-perjodu kurrenti tal-ħruġ,

— flimkien ma' xi kwantitajiet koperti bl-applikazzjonijiet miġbura lura permezz tal-paragrafu 5,

— flimkien ma' xi kwantitajiet li dwarhom tkun inħarġet liċenzja imma li ma tkunx ġiet użata,

— flimkien ma' kwantitajiet mhux użati fit-tolleranza li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 8 (5) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000,

Jekk jagħmlu hekk, il-Kummissjoni għandha jew tiddetermina l-persentaġġ tal-kwantitajiet li dwarhom jistgħu jinħarġu l-liċenzji jew tiċħad l-applikazzjonijiet.

4. Il-liċenzji ta' l-esportazzjoni għandhom jinħarġu fil-ħames ġurnata tax-xogħol wara l-ġurnata ta' meta tkun ġiet ippreżentatha l-applikazzjoni, basta li l-ebda waħda mill-miżuri li hemm referenza għalihom fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3 ma jkunu ttieħdu sa dak iż-żmien.

5. Meta persentaġġ ikun stabbilit permezz tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3, l-applikazzjonijiet jistgħu jkunu miġbura fi żmien 10 ġranet tax-xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dak il-persentaġġ. Meta l-applikazzjonijiet jiġu rtirati, il-garanzija għandha tkun irrilaxxata. Il-garanzija għandha tiġi rrilaxxata wkoll meta l-applikazzjonijiet ikunu miċħuda.

Meta l-liċenzja tkun maħruġa qabel ma l-applikazzjoni tkun irtirata, dik il-liċenzja għandha tingħata lura lejn l-awtorità kompetenti li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 7 (1) sabiex tkun ikkanċellata fl-istess żmien ta' meta tingħata n-notifika li l-applikazzjoni kkonċernata ġiet irtirata.

Artikolu 3

Disposizzjonijiet speċjali għas-sistema A2

1. L-esportaturi għandhom japplikaw lejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għal-liċenzja permezz tas-sistema A2 matul il-perjodi ta' l-applikazzjoni li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1(2) bl-għan li jiksbu rata ta' rifondi definittiva u kwantità speċifika ta' prodotti, li jkunu validi fuq id-data attwali ta' l-applikazzjoni.

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, "id-data attwali ta' l-applikazzjoni" tfisser id-data li fiha l-appikazzjonijet li hemm referenza għalihom fl-ewwel subparagrafu jkunu meqjusa li kienu ġew ippreżentati.

2. Il-kaxxa 20 ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzji għandu jkun fiha mill-inqas waħda mill-kitbiet segwenti, bir-rata minima tar-rifondi mitluba mill-applikant sabiex ikun jista' jesporta espressa bħala numru sħiħ ta' ewro għal kull tunnellata metrika netta:

— Solicitud condicionada a la fijación, por parte de la Comisión, de un tipo de restitución superior o igual a... ġtipo mínimo solicitado por el solicitante del certificadoħ EUR/tonelada neta, en la fecha efectiva de la solicitud

— Ansøgning betinget af, at Kommissionen fastsætter en restitutionssats på mindst... (den minimumssats, licensansøgeren ansøger om) EUR/t netto på den faktiske ansøgningsdato

— Antrag vorbehaltlich eines von der Kommission am tatsächlichen Tag der Antragstellung festgesetzten Erstattungssatzes von mindestens... EUR/t Eigengewicht (vom Antragsteller beantragter Satz)

— Αίτηση με την επιφύλαξη του καθορισμού από την Επιτροπή ύψους επιστροφής ανώτερου ή ίσου προς … (ελάχιστο ύψος που ζητά ο υποβάλλων αίτηση πιστοποιητικού) ευρώ/τόνο καθαρού βάρους κατά την πραγματική ημερομηνία της αίτησης

— Application subject to the fixing by the Commission of a refund rate of not less than EUR.../t net (minimum rate sought by the applicant) on the actual date of application

— Demande sous réserve de la fixation par la Commission d'un taux de restitution supérieur ou égal à... (taux minimal demandé par le demandeur de certificat) EUR/t net à la date effective de la demande

— Domanda condizionata alla fissazione, da parte della Commissione, di un tasso di restituzione superiore o pari a... (tasso minimo chiesto dal richiedente del titolo) EUR/t netta alla data effettiva della domanda

— Aanvraag onder voorbehoud dat de Commissie op de daadwerkelijke aanvraagdatum een restitutie vaststelt die niet lager is dan... EUR/ton netto (door de certificaataanvrager gevraagde minimumrestitutie)

— Pedido sob reserva da fixação pela Comissão de uma taxa de restituição superior ou igual a... (taxa mínima pedida pelo requerente de certificado) EUR/tonelada líquida na data efectiva do pedido

— Hakemus, joka edellyttää, että komissio vahvistaa tukimäärän, joka on vähintään... euroa/nettotonni (todistuksen hakijan pyytämä vähimmäismäärä) tosiasiallisena hakupäivänä

— Ansökan med förbehåll för att kommissionen fastställer ett bidragsbelopp på minst... (minimibidragssats som den licenssökande begärt) euro/ton nettovikt vid det faktiska datumet för ansökan.

L-applikanti għal-liċenzji ma jistgħux japplikaw għal rata minima li tkun għola mir-rata indikattiva b'żieda ta' 50 %.

3. Mhux iktar tard min-12.00 (il-ħin ta' Brussel) fit-tieni ġurnata ta' xogħol li jsegwi l-perjodu ta' l-applikazzjoni għal-liċenzji, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, bi qbil ma' l-Artikolu 7(3). bil-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji, eskluż dawk koperti mill-applikazzjonijet miċħuda permezz ta' l-Artikolu 5(4).

4. Fit-tmiem ta' kull perjodu ta' l-applikazzjoni għal-liċenzji, l-Kummissjoni għandha tiffissa:

— id-data attwali ta' l-applikazzjoni li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1,

— ir-rati definittivi tar-rifondi applikabbli f'dik id-data,

— il-persentaġġi għal ħruġ tal-liċenzji meqjusa li kienet saret applikazzjoni dwarhom fid-data attwali ta' l-applikazzjoni,

jew għandhom jiċħdu l-applikazzjonijiet meta hekk ikun meħtieġ.

5. L-applikazzjonijiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 2 li jfittxu rata għola mir-rata definittiva korrispondenti ffissata mill-Kummissjoni għandhom ikunu meqjusa bħala nulli.

6. Il-liċenzji ta' l-esportazzjoni għandhom jinħarġu mill-Istati Membri fit-tielet ġurnata mid-data attwali ta' l-applikazzjoni.

7. Il-garanzija għandha tkun rilaxxata fil-każ meta l-applikazzjonijiet meqjusa bħala nulli permezz tal-paragrafu 5 jew miċħuda permezz tal-paragrafu 4.

Artikolu 4

Disposizzjonijiet speċjali għas-sistema A3 (stediniet għall-offerti)

1. L-esportaturi interessati għandhom iwieġbu għall-istedina għal offerti billi jippreżentaw offerta bil-miktub lejn l-awtorità kompetenti fl-Istat Membru, kontra riċevuta, bl-għan li jiksbu liċenzja tas-sistema A3 li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 1(3).

2. L-offerti għandhom ikunu ppreżentati billi jintuża l-mudell tal-formola ta' l-applikazzjoni li hemm referenza għaliha fis-sezzjoni 2 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, mimlija b'mod korrett u li turi dan li ġej fil-kaxxa 20:

— in-numru tar-Regolament li jagħti bidu għall-istedina għal offerti,

— ir-rata tar-rifondi fuq l-esportazzjoni, espressa f'numbru shih fl-ewro għal kull tunnellata metrika netta

L-offerti għandhom ikunu validi biss jekk ikunu ppreżentati mhux aktar tard min-12.00 (ħin ta' Brussel) fl-aħħar ġurnata tal-perjodu ffissat għall-preżentazzjonijiet ta' l-offerti; meta dak il-jum ikun btala fi Stat Membru tal-korp responsabbli biex jirċievi l-offerti, it-terminu taż-żmien għandu jkun fin-12.00 ta' l-aħħar ġurnata preċedenti tax-xogħol.

3. L-offerti għandhom jinfetħu mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat fl-assenza ta' membri tal-pubbliku. Il-persuni preżenti għall-ftuħ għandhom ikunu taħt obbligazzjoni li ma jiżvelaw l-ebda partikularitajiet dwar dawn. L-offerti ammessibbli għandhom ikunu mgħoddija lejn il-Kummissjoni mingħajr ma jissemma' l-isem ta' dak li għamel l-offerta bi qbil ma' l-Artikolu 7(3), mhux aktar tard min-12.00 (ħin ta' Brussel) fl-ewwel ġurnata ta' xogħol li ssegwi d-data finali għall-preżentazzjoni ta' l-offerti.

4. Il-Kummissjoni għandha tiffissa r-rata massima għar-rifondi ta' l-esportazzjonijiet għal kull kategorija ta' prodotti li għandhom ikunu esportati u għal kull destinazzjoni jew grupp ta' destinazzjonijiet fid-dawl ta' l-offerti ppreżentati u s-sitwazzjoni prevista fuq s-swieq tal-prodotti kkonċernati. L-għoti tal-kuntratti għandu jsir lil dawk li għamlu l-offerta li l-offerta tagħhom tikkwota rata ta' rifondi ugwali għal, jew inqas mir-rata massima tar-rifondi għall-esportazzjoni, għall- kwantità u r-rata kkwotata fl-offerta. B'danakollu, meta l-offerti jikkwotaw eżattament ir-rati massimi tar-rifondi, il-Kummissjoni tista' tiffissa persentaġġ sabiex tnaqqas il-kwantità mogħtija. Il-Kummissjoni tista' wkoll tiċħad l-offerti kollha billi tistabbilixxi rata massima ta' żero.

Meta r-rata massima meħtieġa sabiex jingħataw il-liċenzji għall-kwantitajiet indikattivi sal-kwantitajiet offruti jeċċedu r-rati indikattivi b'iżjed minn 50 % u f'sitwazzjonijiet eċċezjonali, ir-rata massima għandha tiġi ffissata mill-Kummissjoni bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 2200/96.

5. Mhux aktar tard mit-tielet ġurnata ta' xogħol wara l-pubblikazzjoni tar-rata massima tar-rifondi, l-awtorità kompetenti għandha tforni lill-appaltaturi li jkunu ppreżentaw offerta rebbieħa bil-liċenzji għall-esportazzjoni għall-kwantitajiet mogħtija, u jsemmu r-rifondi indikati fl-istedina għall-offerti fil-kaxxa 22 tal-liċenzja, bi qbil ma' l-Artikolu 5(7). Il-garanziji ta' dawk li għamlu offerta u li l-offerta tagħhom tikkwota rata għola mir-rata massima tar-rifondi għal esportazzjoni għandhom ikunu rilaxxati.

Artikolu 5

Disposizzjonijiet komuni għas-sistemi A1, A2 u A3

1. L-Artikolu 18(3) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 għandu jkun japplika għal-liċenzji Al, A2 u A3 li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1(1)(a), (b) u (ċ). Id-destinazzjonijiet jew gruppi ta' destinazzjonijiet għandhom ikunu miktuba fil-kaxxa 7 ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzji u tal-liċenzji infushom.

2. Il-kaxxa 22 tal-liċenzji għandha turi wieħed minn dawn li ġejjin:

— *Restitución válida para... toneladas netas ġcantidad para la que se haya expedido el certificadoh, como máximo*

— Restitutionen gælder for højst... ton(s) netto (den mængde, licensen er udstedt for)

— Erstattung gültig für höchstens... Tonnen Eigengewicht (Menge, für die die Lizenz erteilt wurde)

— Επιστροφή που ισχύει για … (ποσότητα για την οποία εκδίδεται το πιστοποιητικό) κατ' ανώτατο όριο

— Refund valid for not more than … tonnes net (quantity for which licence issued)

— Restitution valable pour... (quantité pour laquelle le certificat est délivré) au maximum... tonnes net

— Restituzione valida al massimo per... (quantitativo per il quale è rilasciato il titolo) t nette

— Restitutie geldig voor ten hoogste... (hoeveelheid waarvoor het certificaat wordt afgegeven) ton netto

— Restituição válida para... (quantidade em relação à qual é emitido o certificado) toneladas líquidas, no máximo

— Tukea myönnetään enintään... nettotonnin määrälle (määrä, jolle todistus on myönnetty)

— Bidrag som gäller för högs... ton nettovikt (kvantitet för vilken licensen är utfärdad).

3. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji għandhom ikunu akkumpanjati b'garanzija ta' EUR 20/għal kull tunnellata netta jew ir-rata tar-rifondi, skond liema tkun l-inqas. Għall-iskopijiet ta' din id-disposizzjoni, ir-rata tar-rifondi li għandha tkun ikkunsidrata għandha tkun ir-rata indikattiva tar-rifondi għas-sistema A2 u r-rata kkwotata fl-offerta għas-sistema A3.

4. Għal kull perjodu li fih ikunu ppreżentati l-applikazzjonijiet u għal kull tip ta' liċenzja, il-kwantità totali ta' prodott li għalih ikunu ġew ippreżentati l-applikazzjonijiet għal-liċenzji minn esportatur għal kategorija ta' prodott fil-qofol ta' dak li jfisser it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 7(2) u destinazzjoni jew grupp ta' destinazzjonijiet ma jistgħux jeċċedu aktar minn nofs dak is-sett għal dik il-kategorija ta' prodott u destinazzjoni jew il-grupp tad-destinazzjonijet matul il-perjodu ta' l-applikazzjonijiet ikkonċernati.

Meta kwantità tkun miżjuda matul il-perjodu ta' l-applikazzjoni, il-kwantità li għaliha jiġu ppreżentati aktar applikazzjonijiet ma tistax tkun akbar minn nofs taż-żieda.

L-Istati Membri għandhom awtomatikament jiċħdu l-applikazzjonijiet kollha li ma jkunux b'konformità ma' l-ewwel u t-tieni subparagrafi.

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, bi qbil ma' l-Artikolu 7(3), bi:

— xi kwantitajiet li dwarhom l-applikazzjonijiet għal-liċenzji jkunu ġew irtirati,

— xi kwantitajiet li għalihom jkunu nħarġu l-liċenzji iżda li ma kinux ġew użati u xi kwantitajiet li ma kinux użati fiż-żmien tat-tolleranza li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000,

— id-data ta' l-applikazzjoni għal-liċenzji u s-sistema ta' ħruġ tal-liċenzji li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 1(1), li tikkorrispondi mal-kwantitajiet li hemm referenza għalihom fl-ewwel u t-tieni subinċiżi.

B'danakollu, il-kwantitajiet irtirati jew mhux użati li jirrigwardjaw il-liċenzji maħruġa matul perjodu ta' l-esportazzjoni preċedenti (dan il-perjodu jibda mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Ġunju tas-sena segwenti) ma għandux ikun innotifikat.

6. Il-liċenzji għandhom ikunu validi mid-data tal-ħruġ tagħhom fil-qofol ta' dak li jfisser l-Artikolu 23(2) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000.

B'danakollu, fil-każ tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni għat-tuffieħ, validi għal wieħed jew aktar destinazzjonijiet indikati fl-Anness I, it-terminu tal-validità għandu jibda fil-:

— 15 ta' Lulju tas-sena kurrenti għal-liċenzji maħruġa bejn id-dati korrispondenti mill-15 ta' Lulju mnaqqas minnu t-terminu tal-validità u l-14 ta' Lulju,

— il-ġurnata tal-ħruġ għal-liċenżji maħruġa mill-15 ta' Lulju sa l-aħħar ta' Frar tas-sena segwenti.

It-terminu tal-validità għandu jiskadi fl-aħħar ta' Frar għal-liċenzji maħruġa bejn id-data li tikkorrispondi sa' l-1 ta' Marzu mnaqqas minnu t-terminu tal-validità sa l-aħħar ta' Frar.

Meta d-data li fiha t-terminu tal-validità jibda ma tkunx l-istess bħad-data tal-ħruġ fil-qofol ta' dak li jfisser l-ewwel subparagrafu, dan għandu jkun indikat kif ġej fil-kaxxa 22 tal-liċenzja:

— *Certificado válido a partir del... ġfecha de comienzo del período de validezħ*

— Licensen er gyldig fra... (gyldighedsperiodens begyndelse)

— Lizenz gültig ab... (Beginn der Gültigkeitsdauer)

— Πιστοποιητικό ισχύον από … (ημερομηνία έναρξης ισχύος)

— Licence valid from... (date of commencement of validity)

— Certificat valable à partir du... (date de début de validité)

— Titolo valido dal... (data di decorrenza della validità)

— Certificaat geldig vanaf... (datum van begin van de geldigheidsduur)

— Certificado válido a partir de... (data de início da validade)

— Todistus voimassa... (voimassaolon alkamispäivä) alkaen

— Licens giltig från... (datum för giltighetstidens början).

Il-liċenzji li hemm referenza għalihom fit-tieni subparagrafu ma għandhomx jinħarġu matul il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Marzu sad-data li tikkorrispondi mal-15 ta' Lulju mnaqqas minnu l-perjodu tal-validità. Id-destinazzjoni murija fuq il-liċenzji validi matul parti tal-perjodu 1 ta' Marzu sa l-14 ta' Lulju għall-esportazzjoni tat-tuffieħ għal destinazzjonijiet oħra ma tistax tkun mibdula għal waħda mid-destinazzjonijiet elenkati fl-Anness I.

7. Ir-rata tar-rifondi applikabbli għandha tkun indikata kif ġej fil-kaxxa 22 tal-liċenzja:

— *Certificado con fijación anticipada de la restitución a un tipo de... EUR/t neta*

— Licens med forudfastsættelse af restitutionen til... EUR/ton netto

— Lizenz mit Vorausfestsetzung der Erstattung zum Satz von... EUR/t Eigengewicht

— Πιστοποιητικό με προκαθορισμό της επιστροφής σε … ευρώ/τόνο καθαρού βάρους

— Licence with refund fixed in advance at EUR.../tonne net

— Certificat avec fixation à l'avance de la restitution au taux de... EUR/t net

— Titolo con fissazione anticipata della restituzione al tasso di... EUR/t netta

— Certificaat met vaststelling vooraf van de restitutie op... EUR/ton netto

— Certificado com prefixação da restituição à taxa de... EUR/t líquida

— Todistus, jossa vientitueksi on vahvistettu ennakolta... euroa/nettotonni

— Licens med förutfastställelse av bidraget på ett belopp av... euro/ton nettovikt.

8. Il-kwantitajiet addizzjonali esportati fit-tolleranza li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 8(4) tar-Regolament (KE) Nru 1921/2000 ma għandux jagħti dritt għar-rifondi.

Artikolu 6

Disposizzjonijiet speċjali għas-sistema B

1. Minkejja l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999, l-esportaturi jistgħu japplikaw lejn l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għal-liċenzji permezz tas-sistema B kif hemm referenza għaliha fl-Artikolu 1(4) mhux aktar tard mit-tieni ġurnata ta' xogħol wara d-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni għall-prodotti bl-għan li jinkisbu r-rifondi bir-rata valida għall- perjodu ta' l-esportazzjoni f'dak il-każ.

L-applikazzjoni għal-liċenzji għandhom jitqiesu li kienu ġew ippreżentati fid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni għall-prodotti.

B'danakollu, l-applikazzjonijiet għal-liċenzji għall-esportazzjoni tat-tuffieħ lejn wieħed jew aktar mid-destinazzjonijiet indikati fl-Anness I għandhom ikunu aċċettati biss matul il-perjodu 15 ta' Lulju sa l-aħħar ta' Frar tas-sena segwenti.

2. L-applikazzjonijiet għal-liċenzji għandhom ikunu akkumpanjati b'kopja tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni għall-prodotti. Id-dikjarazzjonijiet irid ikun fihom mill-inqas wieħed min dawn il-kitbiet li ġejjin:

— Exportación para la que se presentará una solicitud a posteriori de certificado de exportación sin fijación anticipada de la restitución (sistema B)

— Udførsel, for hvilken der efterfølgende ansøges om eksportlicens uden forudfastsættelse af restitutionen (system B)

— Ausfuhr, für die nachträglich eine Ausfuhrlizenz ohne Vorausfestsetzung der Erstattung beantragt wird (System B)

— Εξαγωγή για την οποία θα υποβληθεί αίτηση εκ των υστέρων για την έκδοση πιστοποιητικού εξαγωγής χωρίς προκαθορισμό της επιστροφής (σύστημα Β)

— Export to be the subject of an a posteriori application for an export licence without advance fixing of the refund (system B)

— Exportation qui fera l'objet d'une demande a posteriori de certificat d'exportation sans fixation à l'avance de la restitution (système B)

— Esportazione che sarà oggetto di una domanda a posteriori di titolo di esportazione senza fissazione anticipata della restituzione (sistema B)

— Uitvoer waarvoor achteraf een uitvoercertificaat zonder vaststelling vooraf van de restitutie (B-stelsel) zal worden aangevraagd

— Exportação que será objecto de um pedido a posteriori de certificado de exportação sem prefixação da restituição (sistema B)

— Vientiä, josta jätetään jälkikäteen vientitodistus, johon ei sisälly tuen ennakkovahvistusta, koskeva hakemus (B-menettely)

— Export som kräver en ansökan i efterhand om exportlicens utan förutfastställelse av bidraget (system B).

3. L-Artikolu 18(3) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999 għandu jkun japplika għal-liċenzji B. Id-destinazzjonijiet jew il-gruppi ta' destinazzjonijiet għandhom ikunu indikati fil-kaxxa 7 ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzji u tal-liċenzji nfushom.

4. Il-kaxxa 20 ta' l-applikazzjoni għal-liċenzji u l-liċenzji għandhom juru mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:

— Solicitud de certificado de exportación sin fijación anticipada de la restitución con arreglo al artículo 6 del Reglamento (CE) n°1961/2001

— Ansøgning om eksportlicens uden forudfastsættelse af restitutionen, jf. artikel 6 i forordning (EF) nr1961/2001

— Antrag auf Erteilung einer Ausfuhrlizenz ohne Vorausfestsetzung der Erstattung gemäß Artikel 6 der Verordnung (EG) Nr1961/2001

— Αίτηση για έκδοση πιστοποιητικού εξαγωγής χωρίς προκαθορισμό της επιστροφής σύμφωνα με το άρθρο 6 του κανονισμού

— Application for export licennce without advance fixing of the refund in accordance with Article 6 of Regulation (EC) No1961/2001

— Demande de certificat d'exportation sans fixation à l'avance de la restitution conformément à Artikolu 6 du règlement (CE) n1961/2001

— Domanda di titolo di esportazione senza fissazione anticipata della restituzione, ai sensi dell'articolo 6 del regolamento (CE) n1961/2001

— Aanvraag om een uitvoercertificaat zonder vaststelling vooraf van de restitutie overeenkomstig artikel 6 van Verordening (EG) nr1961/2001

— Pedido de certificado de exportação sem prefixação da restituição, nos termos do artigo 6.o do Regulamento (CE) n.o1961/2001

— Asetuksen (EY) N:o1961/2001 6 artiklan mukainen vientitodistushakemus ilman tuen ennakkovahvistusta

— Ansökan om exportlicens utan förutfastställelse av bidraget enligt artikel 6 i förordning (EG) nr1961/2001.

5. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, bi qbil ma' l-Artikolu 7(3), li:

— l-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji, imqassma skond id-data tal-preżentazzjoni fil-qofol ta' dak li jfisser it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1,

— xi kwantitajiet li dwarhom l-applikazzjonijiet għal-liċenzji kienu ġew irtirati matul il-perjodu ta' l-esportazzjoni kurrenti,

— xi kwantitajiet li ma jkunux użati matul il-perjodu ta' l-esportazzjoni kurrenti.

Din l-informazzjoni ma għandhiex tinkludi l-kwantitajiet li għalihom l-applikazzjonijiet għal-liċenzji jkunu miċħuda permezz tal-paragrafu 6.

6. Jekk il-kwantitajiet ta' prodott li għalih tkun saret applikazzjoni fir-rigward ta' destinazzjoni jew grupp ta' destinazzjonijiet jeċċedu iżjed jew jheddu li jeċċedu l-kwantità indikattiva stabbilita għall-perjodu ta' l-esportazzjoni kurrenti, il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi data li minn hemm 'il quddiem l-applikazzjonijiet għal-liċenzji jkunu miċħuda jekk id-dikjarazzjoni relevanti ta' l-esportazzjoni ġiet aċċetata wara dik id-data matul il-perjodu ta' l-esportazzjoni kurrenti.

7. Wara kull perjodu ta' l-esportazzjoni, il-Kummissjoni għandha tivverifika, fuq il-bażi ta' dik l-informazzjoni disponibbli għaliha, għal kull prodott u għal kull destinazzjoni jew grupp ta' destinazzjonijiet, jekk il-kwantitajiet li tkun saret applikazzjoni dwarhom ikunux jeċċedu l-kwantitajiet indikati stabbiliti, u għandha tiffissa r-rati tar-rifondi definittivi. Jekk ma jeċċedux il-kwantitajiet indikattivi, il-Kummissjoni tista' tnaqqas ir-rati tar-rifondi għal dawk it-transazzjonijiet.

Aktar min hekk, sabiex tkun konformi mal-limiti annwali li joħorġu mill-Ftehim konklużż bi qbil ma' l-Artikolu 300 tat-Trattat, il-Kummissjoni tista' tiddetermina l-persentaġġ tal-kwantitajiet, li dwarhom tkun saret applikazzjoni għal-liċenzji, li jkunu jistgħu jinħarġu.

8. Il-liċenzji ta' l-esportazzjoni għandhom jinħarġu fl-14-il ġurnata ta' xogħol wara t-tmiem tal-perjodu ta' l-esportazzjoni ta' dak il-perjodu. Il-kaxxa 22 tal-liċenzji għandu jkollha fiha mill-inqas waħda mil-kitbiet segwenti, flimkien mar-rati tar-rifondi stabbiliti bi qbil ma' l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7, u l-kwantitajiet, imnaqqsin jekk meħtieġ bil-persentaġġ li hemm referenza għalihom fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 7:

— Certificado de exportación sin fijación anticipada de la restitución por una cantidad de... kilogramos de los productos que se indican en la casilla 16, a un tipo de... EUR/tonelada neta

— Eksportlicens uden forudfastsættelse af restitutionen for en mængde på... kg produkter, anført i rubrik 16, til en sats på... EUR/ton netto

— Ausfuhrlizenz ohne Vorausfestsetzung der Erstattung für eine Menge von... kg der in Feld 16 genannten Erzeugnisse zum Satz von... EUR/t Eigengewicht

— Πιστοποιητικό εξαγωγής χωρίς προκαθορισμό της επιστροφής για ποσότητα … χιλιογράμμων των προϊόντων που αναγράφονται στη θέση 16, ύψους … ευρώ/τόνο καθαρού βάρους

— Export licence without advance fixing of the refund for... kilograms of products as listed in box 16, at a rate of EUR.../tonne net

— Certificat d'exportation sans fixation à l'avance de la restitution pour une quantité de... kilogrammes de produits figurant à la case 16, au taux de... EUR/t net

— Titolo di esportazione senza fissazione anticipata della restituzione per un quantitativo di... kg dei prodotti indicati nella casella 16, al tasso di... EUR/t netta

— Uitvoercertificaat zonder vaststelling vooraf van de restitutie voor een hoeveelheid van... kg van de in vak 16 genoemde producten, met eenheidsbedrag van de restitutie... EUR/ton netto

— Certificado de exportação sem prefixação da restituição para uma quantidade de... quilogramas de produtos indicados na casa 16, à taxa de... EUR/tonelada líquida

— Vientitodistus, joka ei sisällä vientituen ennakkovahvistusta,... kilogramman määrälle kohdassa 16 mainittuja tuotteita, tuen määrä... euroa/nettotonni

— Exportlicens utan förutfastställelse av bidraget för en kvantitet av... kilo av de produkter som anges i fält 16, till ett belopp av... euro/ton nettovikt.

B'danakollu, jekk ir-rata tar-rifondi jew il-persentaġġ li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 7 ikun żero, l-applikazzjonijiet għandhom ikunu miċħuda.

9. L-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru1291/2000 ma għandux japplika għal-liċenzji li hemm referenza għalihom f'dan l-Artikolu.

Dawn il-liċenzji għandhom ikunu ppreżentati direttament lejn il-korp responsabbli għall-ħlas tar-rifondi ta' l-esportazzjoni, li għandu jikteb il-kwantità u jittimbra l-liċenzja.

Artikolu 7

Disposizzjonijiet ġenerali

1. L-Istati Membri għandhom jinnominaw il-korp jew il-korpi responsabbli għall-ħruġ tal-liċenzji għall-esportazzjoni u għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

2. Il-kaxxa 16 ta' l-applikazzjonijiet għal-liċenzji u l-liċenzji għandhom juru l-Kodiċi tan-nomenklatura tal-prodott agrikolu għar-rifondi ta' l-esportazzjoni mogħtija fir-Regolament (KEE) Nru 3846/87.

B'danakollu, aktar minn kodiċi wieħed jistgħu jidhru fl-istess waqt fuq applikazzjoni tal-liċenzja u liċenzja basta li l-kodiċi jkunu dawk ta' prodotti fl-istess kategorija u r-rati tar-rifondi applikabbli tkun l-istess.

"Kategorija ta' Prodotti", fil-qofol ta' dak li jfisser it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, tfisser il-klassijiet ta' prodotti segwenti:

— it-tadam kopert mill-Kodiċi NM 0702 00 00,

— il-lewż mingħajr qoxra kopert mill-Kodiċi NM 0802 12 10 u 0802 12 90,

— il-ġellewż (Corylus ssp.) kopert mill-Kodiċi NM 0802 21 00 u 0802 22 00,

— il-ġewż fil-qoxra kopert mill-Kodiċi NM 0802 31 00,

— il-larinġ kopert mill-Kodiċi NM 0805 10 10 sa 0805 10 80,

— il-klementini koperti mill-Kodiċi NM 0805 20 10,

— monreali u satsumi koperti mill-Kodiċi NM 0805 20 30,

— mandolin u *wilkings* koperti mill-Kodiċi NM 0805 20 50,

— tanġerini (larinġ żgħir) koperti mill-Kodiċi NM 0805 20 70,

— Ibridi simili oħrajn taċ-ċitru koperti mill-Kodiċi NM 0805 20 90,

— lumi (*Citrus limon, Citrus limonum*) koperti mill-Kodiċi NM 0805 30 10,

— xkomp (*Citrus aurantifolia*) koperti mill-Kodiċi NM 0805 30 90,

— għeneb tal-mejda koperti mill-Kodiċi NM 0806 10 10,

— tuffieħ kopert mill-Kodiċi NM 0805 10 10 sa 0805 10 90,

— ħawħ, inklużi n-narċiprisk, koperti mill-Kodiċi NM 0809 30 10 u 0809 30 90.

3. (a) In-notifikazzjonijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2(2), fl-Artikolu 3(3), fl-Artikolu 4(3), fl-Artikolu 5(5) u fl-Artikolu 6(5) għandhom:

— ikunu maqsuma għal kull kategorija ta' prodotti fil-qofol ta' dak li jfisser it-tielet subparagrafu tat-tieni paragrafu u, meta meħtieġ, bid-destinazzjoni jew bil-grupp ta' destinazzjonijiet,

— li jkollhom fihom, fejn hu applikabbli, l-kliem:"-Għajnuna ta' l-ikel GATT" meta dawn ikunu dwar rifondi mogħtija fuq l-għajnuna għall-ikel kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 10(4) tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura konkluża matul in-negozjati tal-kummerċ multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj,

— jindika "żero" meta l-ebda kwantitajiet ma tkun saret applikazzjoni dwarhom, ikunu ġew irtirati jew ma kinux użati,

— li għandhom jintbagħtu lejn il-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika fuq il-formoli fornuti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri għal dak l-iskop.

(b) In-notifikazzjonijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 2(2), fl-Artikolu 5(5) u fl-Artikolu 6(5) għandhom isiru mhux aktar tard min-12.00 (ħin ta' Brussel) nhat ta' Tnejn u nhar ta' Ħamis kull ġimgħa għall-applikazzjonijiet li jaslu mill-Istati Membri bejn il-jum tan-notifika preċedenti u l-jum li jippreċedi dik kurrenti, u għall-informazzjoni dwar il-kwantitajiet irtirati u mhux użati mill-Istati Membri matul dak il-perjodu. Jekk nhar ta' Tnejn jew nhar ta' Ħamis ikunu btala tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista' temporanjament tibdel il-ġranet tan-notifika.

(ċ) Meta l-ġurnata stabbilita għan-notifikazzjoni li hemm referenza għaliha fil-punt (b) hija btala nazzjonali, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jagħmlu n-notifika mhux aktar tard mit-15.00 (ħin ta' Brussel) fil-ġurnata ta' xogħol li tippreċedi dik il-btala nazzjonali.

4. B'żieda mal-ħtiġijiet elenkati fir-Regolament (KE) Nru 800/1999, ir-r-rifondi għandhom jitħallsu suġġetti għall-preżentazzjoni ta':

— ċertifikat ta' l-ispezzjoni kif hemm provvediment dwar dan fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1148/2001 [1] fil-każ ta' prodotti li dwarhom in-normi komuni tal-kummerċ ikunu ġew stabbiliti,

— dokument maħruġ mill-awtoritajiet ta' l-ispezzjoni fl-Istati Membri li jiċċertifika li l-prodotti jkunu laħqu l-ħtiġijiet nazzjonali fil-ħin ta' l-ispezzjoni fil-każ ta' prodotti li dwarhom in-normi komuni tal-kummerċ ma jkunux għadhom ġew stabbiliti, iżda meta l-ħtiġijiet nazzjonali dwar il-kwalità tal-frott u l-ħxejjex esportati lil terzi pajjiżi jkunu applikabbli.

Artikolu 8

Imħassar

Ir-Regolament (KE) Nru 2190/96 huwa hawnhekk imħassar.

B'danakollu, għandu jibqa' japplika għall-operazzjonijiet ta' l-esportazzjoni koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji ppreżentati qabel id-9 ta' Novembru 2001 permezz tas-sistemi A1 u A2 u qabel is-16 ta' Novembru 2001 permezz tas-sistema B.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom ikunu meqjusa bħala referenza għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw flimkien mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 9

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika għall-operazzjonijiet ta' l-esportazzjoni koperti mill-applikazzjonijiet għal-liċenzji ppreżentati mid-9 ta' Novembru 2001 permezz tas-sistemi A1, A2 u A3 u mis-16 ta' Novembru 2001 permezz tas-sistema B.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, fit-8 ta' Ottubru 2001.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 156, tat-13.6.2001, pġ. 9.

ANNESS I

Id-destinazzjonijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 5(6) u fl-Artikolu 6(1)

Hong Kong SAR
Is-Singapor
Il-Malasja
Ix-Sri Lanka
l-Indonesja
It-Tajlandja
It-Tajwan
Il-Papwa Ginea Ġdida
Il-Laos
Il-Kambodja
Il-Vjetnam
Il-Ġappun
L-Urugwaj
Il-Paragwaj
L-Arġentina
Il-Messiku
Il-Kosta Rika

ANNESS II

Tabella tal-korrelazzjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 2190/96		Dan ir-Regolament	
L-Artikolu	Il-Paragrafu	L-Artikolu	Il-Paragrafu
1	1	1	1
1	2	1	2
		1	3
1	3	1	4
1	4	1	5
2	1	2	1
2	2	2	2
2	3	2	3
2	4	2	4
2	5	2	5
3	1	3	1
3	2	3	2
3	3	3	3
3	4	3	4
3	5	3	5
3	6	3	6
3	7	3	7
		4	1
		4	2
		4	3
		4	4
		4	5
4	1	5	1
4	2	5	2
4	2a	5	3
4	3	5	4
4	4	5	5
4	5	5	6
4	5a	5	7
4	6	5	8

Ir-Regolament (KE) Nru 2190/96		Dan ir-Regolament	
L-Artikolu	Il-Paragrafu	L-Artikolu	Il-Paragrafu
5	1	6	1
5	2	6	2
5	2a	6	3
5	3	6	4
5	4	6	5
5	5	6	6
5	6	6	7
5	7	6	8
5	8	6	9
6	1	7	1
6	2	7	2
6	3	7	3
6	4	7	4
6	5	7	5
		8	
		9	